

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-5 ta' Frar 2018 – MSD Animal Health Innovation u Intervet international vs EMA

(Kawża T-729/15)⁽¹⁾

(“*Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokument miżimum mill-EMA u prodott fil-kuntest tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta’ tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali veterinarju Bravecto — Deċiżjoni li terz jingħata l-aċċess għal dokumenti — Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-interessi kummerċjali — Assenza ta’ preżunzjoni ġeneralni ta’ kunfidenzjalitā”*”)

(2018/C 104/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: MSD Animal Health Innovation GmbH (Schwabenheim, il-Ġermanja) u Intervet international BV (Boxmeer, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: inizjjalment minn P. Bogaert, avukat, B. Kelly u H. Billson, solicitors, J. Stratford, QC, u C. Thomas, barrister, sussegwentement P. Bogaert, B. Kelly, J. Stratford u C. Thomas)

Konvenuta: L-Āġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) (rappreżentanti: T. Jabłoński, A. Spina, S. Marino, A. Rusanov u N. Rampal Olmedo, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-EMA EMA/785809/2015 tal-25 ta' Novembru 2015 li tagħti lil terz, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), l-aċċess għal dokumenti li fihom informazzjoni prodotta fil-kuntest ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta’ tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali veterinarju Bravecto.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) MSD Animal Health Innovation GmbH u Intervet international BV għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk sostnati mill-Āġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), inklużi l-ispejjeż relatati mal-proċedura għal mżuri proviżorji.

⁽¹⁾ ĠU C 59, 15.2.2016.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-1 ta' Frar 2018 – Philip Morris Brands vs EUIPO – Explosal (Superior Quality Cigarettes FILTER CIGARETTES Raquel)

(Kawża T-105/16)⁽¹⁾

(“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva Superior Quality Cigarettes FILTER CIGARETTES Raquel — Trade mark internazzjonali figurattiva précédent Marlboro — Raġuni relativa għal rifjut — Reputazzjoni — Produzzjoni ta’ provi għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell — Setgħa diskrezzjonali tal-Bord tal-Appell — Artikolu 76(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 95(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Regola 50(1) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95”*”)

(2018/C 104/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Philip Morris Brands Sàrl (Neuchâtel, l-Isvizzera) (rappreżentant: L. Alonso Domingo, avukat)